**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 5 ta' Ottubru 2016**

**App. Nru. 300 / 2013 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Spiteri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Joseph Spiteri, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 668562(M) talli f'dawn il-Gżejjer, nhar-il 31 ta' Marzu 2008 u f'dawn l-aħħar sitt xhur qabel din id-data:

(1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lil persuna/i jew għal persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt(6) Taqsima tal-

Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament Numru 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lil persuna/i jew għal persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita\` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament Numru 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis, kollha jew biċċa minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu;

(4) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu, u naqas illi jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu;

(5) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-

esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu;

(6) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(7) sar reċidiv wara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, liema sentenza saret reċidiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imsemmi Joseph Spiteri jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Gunju 2013, li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Spiteri ħati ta' l-imputazzjonijiet **kollha** kif miġjuba kontra tiegħu u, wara li rat l-artikoli 8, 22(2)(b), u l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll GN 292.1939; u l-artikoli 49, 50, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għal piena ta' priġunerija ta' sitt (6) [snin], u ghal multa ta' €15,000. Inoltre a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu biex iħallas is-somma ta' €2,433.95 bħala spejjeż peritali. Ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga u oġġetti relatati esebiti, KB257.2008, KB156.2009, KA 211.2009, KB295.2008; KB 333.2010;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Spiteri ppreżentat fis-26 ta' Ġunju 2013 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-ħtija u tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant għandu aggravju uniku li hu dwar il-piena. Meta din il-Qorti eżaminat is-sentenza appellata, pero`, sabet illi, wara li l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed issib lill-appellant ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha, hija ċċitat "l-artikoli 8, 22(2)(b), u l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll GN 292.1939; u l-artikoli 49, 50, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta".

**6.** Issa, l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi hekk:

> **"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

**7.** L-appellant ġie akkużat, fost oħrajn, b'pussess tal-pjanta cannabis u pussess tar-raża tal-cannabis. Dawn huma reati separati u distinti u jirriżultaw mill-paragrafi (d) u (a) rispettivament ta' l-artikolu 8 tal-Kap 101. Dak l-artikolu fil-fatt jikkontjeni ħames reati separati u distinti. Għalhekk jekk tinstab ħtija ta' wieħed jew aktar minn dawk ir-reati, għandhom jiġu speċifikati l-paragrafi partikolari ta' l-artikolu 8 li jikkontemplaw ir-reat/i li tiegħu/tagħhom tkun qed tinstab ħtija.

**8.** Inoltre, l-appellant instab ħati ukoll ta' pussess u traffikar tad-drogi eroina u kokaina. Hawn l-ewwel Qorti rreferiet biss għall-G.N. 292/1939 mingħajr referenza għal liema regolamenti taħt dik in-Notifikazzjoni tal-Gvern jikkontemplaw dawn ir-reati li dwarhom ġiet dikjarata l-ħtija.

**9.** Din hija kwistjoni li timpinġi fuq il-validita` o meno tas-sentenza appellata, u tista' titqajjem, kif qiegħda titqajjem, minn din il-Qorti *ex officio*.

**10.** F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk is-sentenza appellata tirriżulta difettuża minn wieħed mir-rekwiżiti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 għall-validita` ta' sentenza. Dan għalhekk irendi s-sentenza appellata nulla. Għaldaqstant din il-Qorti qed tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u, a tenur ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sejra tgħaddi biex tittratta l-każ fil-mertu.

**11.** Issa, dan il-każ jirrigwarda żewġ okkażjonijiet separati. Okkażjoni minnhom tirrigwarda l-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Jannar 2008 meta wara insegwiment bil-karroza mill-Pulizija, l-appellant instab li kellu fil-pussess tiegħu (bejn dak li rema fit-triq u dak li kellu fil-karrozza) kemm eroina kif ukoll kokaina (ara relazzjoni Dok GS a fol. 265 *et seq.* tal-proċess). It-tieni okkażjoni tirrigwarda l-31 ta' Marzu 2008 meta saret tfittxija fir-residenza ta' l-appellant wara li ġew arrestati xi

żgħażagħ li kienu xtraw droga mingħandu (ara relazzjoni Dok. GS a fol. 221 *et seq.* U relazzjoni Dok. GS1 a fol. 322 *et seq.* tal-proċess). Mir-residenza tiegħu ġew elevati kokaina, eroina u cannabis (kemm traċċi tal-pjanta kif ukoll raża), minbarra parafernalja li tintuża għall-abbuż tad-droga (ara Dok GS a fol 87 *et seq.* tal-proċess). Interessanti wkoll illi mir-residenza tiegħu ġie elevat miżien li minn eżami forensiku nstab pożittiv għall-kokaina u għall-eroina. Mhuwiex fin-norma li min juża droga għalih innifsu joqgħod jiżen id-droga. Difatti almenu żewġ persuni xehdu li kienu jixtru droga mingħandu.

**12.** Mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni m'hemm l-ebda dubju illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant ġew debitament pruvati, inkluż dik tar-reċidiva (ara sentenza Dok JF3 a fol. 121 *et seq.* tal-proċess).

**13.** Dwar il-piena l-appellant jgħid illi għalkemm huwa minnu li huwa għandu fedina penali li turi li kellu sentenzi oħra konnessi mad-droga, iżda għandu jittieħed in konsiderazzjoni li huwa għandu problema enormi tad-droga. Jgħid li huwa ma kattarx f'ħaddieħor għaliex iż-żewġ xhieda huma wkoll persuni li għandhom problema ta' droga u ma kienx l-appellant li beda jew saħħaħ dan il-vizzju. Isostni li l-ammonti nvoluti huma żgħar. B'referenza għas-sentenza li kienet ingħatat mill-ewwel Qorti, sitt snin priġunerija effettivi huma ekwivalenti għal sentenzi bħal *Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Spiteri*, deċiża 19 ta' April 2010, li ttraffika 620.29 gramma amfetamina, jew *Ir-Repubblika ta' Malta v. Saofiya Georgieva*, deċiża fl-24 ta' Ottubru 2011, li kellha 185 grammi ta' kokaina.

**14.** Din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi, nonostante illi l-appellant kien jaf li kienu se jittieħdu proċeduri kontra tiegħu dwar il-każ ta' Jannar 2008, huwa xorta baqa' għaddej bl-attivita` tiegħu. Imbagħad anke jekk ma kienx hu li inizja liż-żewġ xhieda fil-vizzju tad-droga, kull darba li huwa biegħhilhom droga kien qiegħed ikattar fihom dak il-vizzju.

**15.** B'referenza għal ġurisprudenza oħra, din il-Qorti dejjem sostniet li l-paraguni huma odjużi u kull każ irid jiġi kkunsidrat fuq il-mertu tiegħu. Id-disparita` lamentata mill-appellant hi bejn is-sentenza moghtija fil-konfront tiegħu u dawk moghtija f'każijiet li mhumiex relatati. Bħalma jingħad f'Archbold, *Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. **571): "The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.)."** Fil-fatt il-każ ta' Martin Spiteri kien jirrigwarda l-importazzjoni u l-pussess aggravat ta' *amphetamine paste* (akkużi li huwa kkontesta) kif ukoll l-

importazzjoni ta' ammont żghir ta' cannabis għall-użu personali tiegħu, u l-pussess kontra l-liġi ta' cannabis, ecstasy u kokaina (akkużi li huwa ammetta). Il-każ ta' Saofiya Georgieva kien jirrigwarda assoċjazzjoni, importazzjoni u pussess aggravat ta' kokaina li dwaru kien hemm *sentence-bargaining* u ammissjoni.

**16.** Huwa inkontestat illi l-appellant għandu l-vizzju tad-droga. Dan jidher ċar, almenu *prima* facie, anke mill-fedina penali tiegħu mnejn jirriżultaw mhux anqas minn sittax-il kundanna dwar pussess u/jew traffikar ta' droga. Jidher mill-istes fedina penali li l-Qrati taw opportunitajiet lill-appellant sabiex ibiddel ħajtu iżda mingħajr wisq suċċess. Difatti serva anke numru ta' sentenzi ta' priġunerija li lanqas ma waslu għat-tibdil mixtieq. Naturalment, il-fatt illi persuna tkun inħakmet mill-vizzju tad-droga ma jfissirx illi meta jikkommetti reati minħabba dak il-vizzju sabiex isostni l-istess vizzju jista' jiġi skużat għal għemilu. Aktar ma jkun gravi r-reat, aktar il-ħati jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ma jistax jaħrab milli jiġi punit skont il-liġi. Il-pieni m'għandhomx biss skop riformattiv iżda għandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent ġenerali.

**17.** Hawn si tratta ta' reati serji u l-piena trid tirrifletti l-gravita` tagħhom. F'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Basam Mohamed Gaballa Ben Khial**, deċiż fid-19 ta' Frar 2004, intqal **"fejn si tratta ta' traffikar tad-droga (inkluza importazzjoni) l-element tad-deterrent ġenerali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha żżomm f'moħħha fil-għoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeċi partikolari tal-każ u l-piena erogata (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem*)."** Difatti, f' **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem**, intqal: **"Ma hemmx dubbju li l-element ta' deterrent, speċjalment fil-każ ta' reati premeditati (a differenza ta' dawk li jiġu kommessi "on the spur of the moment") hi konsiderazzjoni leġittima li Qorti tista', u ħafna drabi għandha, iżżomm quddiem għajnejha fil-għoti tal-piena…. S'intendi, hemm dejjem l-element tal-proporzjonalita`: qorti ma tistax, bl-iskuża tad-"deterrent", tagħti piena li ma tkunx ġustifikata fuq il-fatti li jirriżultaw mill-provi."**

**18.** Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqis li l-piena għandha tirrifletti l-gravita` tar-reati li tagħhom se tiġi dikjarata l-ħtija.

**19.** Għal dawk li huma l-ispejjeż peritali, din il-Qorti eżaminat ir-relazzjonijiet kollha. Kwantu r-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada tinnota illi għal dak li jirrigwarda l-videos li fihom jidher l-appellant apparentement jabbuża mid-droga,

ma jirriżultax meta ttieħdu dawn il-videos. Kwantu għar-ritratti, filwaqt li hemm xi uħud li huma relatati ma' l-abbuż tad-droga, dawn ukoll ma jirriżultax meta ttieħdu u lanqas ma jirriżulta li huma b'xi mod relatati ma' l-appellant. Kwindi mill-ammont ta' spejjeż li l-appellant ġie kkundannat iħallas għandhom jitnaqqsu dawk imħallsa għar-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada. Għalhekk l-ammont li għandu jħallas l-appellant huwa ta' elf tliet mija u ħamsa u tmenin euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,385.57).

**20.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiddikjara lill-appellant Joseph Spiteri ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u, wara li rat l-artikoli 8(a)(d), 22(2)(b)(i)(ii), u l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti 4 u 9 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939; u l-artikoli 17(b)(h), 49, 50, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għal sitt snin priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' sebat elef euro (€7,000), liema multa għandha titħallas sa żmien ħmistax-il ġurnata millum u, fin-nuqqas, tinbidel f'sitt xhur priġunerija skond il-liġi. Inoltre, a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' elf tliet mija u ħamsa u tmenin euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,385.57) spejjeż peritali, u dan sa żmien ħmistax-il ġurnata millum li, jekk ma titħallasx, tinbidel fi priġunerija skond il-liġi. Tordna d-distruzzjoni tad-droga u oġġetti kollha konnessi ma' l-abbuż tad-droga li ġew esebiti, u dan a kura tar-Reġistratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tax-xjenzat Godwin Sammut sakemm fi żmien ħmistax il-jum millum l-Avukat Ġenerali b'nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li għandu bżonn li din id-droga u oġġetti relatati jiġu preservati għal skop ta' xi proċeduri oħra kontra terzi, u b'dan ukoll li l-istess Reġistratur għandu jirrapporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga u dawn l-oġġetti jkunu ġew hekk distrutti.